Minuti tas-27 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 1 ta' Gunju, 2011. Il-laqgha nbdiet hin 14.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**

Segretarju Ezekuttiv Joanne Attard

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-26 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tal-26 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

**2. Pjan ta' Hidma.**

2.1 Il-Kunsill ra l-pjan ta' hidma 2010-2012 fejn iddiskuta l-oggettivi u rizultati mistennija inkluzi f'dan il-pjan u qabel illi dan ghandu jkun rivedut ghas-sitwazzjoni attwali sabiex jirrifletti ahjar il-hidma ppjanata ghall-perjodu 2011-2013. Il-Kunsill filwaqt li iddiskuta x-xogholijiet u l-progetti kemm dawk mibdija u ohrajn ippjanati, iddetermina l-oggettivi li ghandhom jikkostitwixxu dan il-pjan ta' hidma. Il-pjan ser ikun rivedut u kopja tieghu tinghata lill-kunsilliera.

2.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-progett tal-Pjazza fejn giet diskussa il-possibilita' illi jekk ikun finanzjarjament possibbli ghandu jsir is-sqaq tas-sorijiet ukoll. Ix-xoghol fi sqaq tas-sorijiet ghandu jinkludi wkoll il-formazzjoni ta' kanal tal-ilma.

**3. Progett Fondi EU Italia – Malta OBIMED.**

3.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar it-tieni laqgha tal-Kumitat tat-tmexxija tal-progett li ser issir gewwa Sciacca Sqallija bejn l-20 u 21 ta' Gunju. Ser jintalbu kwotazzjonijiet ghat-titjiriet, transport u akkomodazzjoni u l-Kunsill ser jipprocedi bl-ahjar kwotazzjoni.

3.2 Gie spjegat illi fis-16 ta' Gunju, 2011 fl-10.00am ser issir konferenza stampa fl-Gharb fejn ser issir il-prezentazzjoni tal-EDEN award lill-Kunsill.

3.3 Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg l-offerta tac-Centru Civiku. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg offerta globali u li ghandha tkun tinkludi il-garr tal-ghamara u l-apparat tal-Kunsill ghal gol-ufficju temporanji u vice versa.

**4. Progett Fondi EU taht Mizura 323 Gharb's Cultural and Touristic Conservation Project.**

4.1 Is-Sindku spjega illi l-offerti tax-xogholijiet ta' dan il-progett ser jaghlqu fis-17 ta' Gunju, 2011 fl-10.00am.

4.2 Dwar l-offerta tat-technical consortium gie spjegat illi offerta wahda biss intefghet minn Edward Scerri bhala l-Perit li ser ikollu mieghu lil Malcolm Meylaq bhala t-tieni espert mitlub fil-progett. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni u approva din l-offerta.

4.3 Emanuel Muscat staqsa jekk il-Kunsill kienx obbligat li johrog sejha ghall-konsorzju tekniku. Is-Sindku spjega illi dan kien mehtieg sabiex l-ispiza relatata tkun tista' tithallas mill-fondi tal-progett u li dan kien ga gie spjegat f'laqghat precedenti.

4.4 Is-Sindku spjega liema huma dawk il-hitan tas-sejjieh inkluzi f'dan il-progett fiz-zoni ta' Triq Sdieri, Triq San Dimitri u fi Triq San Pietru zona tac-cimiterju.

4.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar petizzjoni illi residenti fi Triq San Dimitri ressqu lill-MEPA fil-konfront tal-applikazzjoni biex isir farm f'dawn l-inhawi, u li dawn jixtiequ jiltaqghu mal-Kunsill sabiex iressqu il-preokkupazzjonijiet taghhom. Is-Sindku spjega li huwa dritt ta' kull resident li jattendi ghal-laqghat tal-Kunsill. Il-Kunsill wara diskussjoni qabel li min naha tieghu m'ghandux jihdol f'din il-materja.

4.6 Il-Kunsill iddiskuta is-servizz gdid tat-transport pubbliku Arriva u l-bus shelters. Emanuel Muscat issuggerixxa illi l-wiring ghall-bus shelters ghandu jsir minn taht l-art. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-problema tal-bus shelter fi Triq Mongur li tinsab quddiem ghalqa li ser tinbena. Il-Kunsill qabel illi ghandha ssir talba sabiex il-bus shelter fi Triq Birbuba tkun installata fi Triq Birbuba hdejn ir-rampa. Emanuel Muscat issuggerixxa illi l-bus shelter li tinsab hdejn ta' Dbiegi ghandha tkun spostata ghal hdejn is-sub station tal-Enemalta fl-istess triq. Is-Sindku spjega illi meta kienet saret din it-talba lil Transport Malta precedentement kienu oggezzjonaw peress illi t-triq hija dejqa u hemm triq ohra faccata. Is-Sindku

ssuggerixxa illi ssir talba lill-MIP li jamministraw ta' Dbiegi sabiex il-bus shelter titpogga hdejn it-telephone box. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku spjega illi l-bus stops tal-Arriva ser ikunu qed izommu l-istess post ta' qabel.

**5. Studju lejn villagg rurali sostenibbli – attivitajiet.**

5.1 Gie spjegat illi l-laqghat bhala parti mill-istudju ta' sostenibilita' ser isiru kif gej:-
3/6/11 hin 7.00pm mal-komunita' tal-bdiewa fl-Gharb
4/6/11 hin 4.00pm mas-settur kummercjali
12/6/11 laqgha mal-ghaqdiet lokali li ghad triq tigi konfermata

**6. Aggornament dwar progetti, xogholijiet fit-toroq u xogholijiet ohra.**

6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar proposta li saret lill-Kunsill biex jiehu sehem f'applikazzjoni ghall-fondi EU ghal progett li jinkludi studju u bdil tad-dwal tat-toroq kollha tal-lokalita'. Jekk jghaddi dan il-progett huwa stmat li l-Kunsill ikun irid johrog is-somma ta' €130,000 f'ko-finanzjament. Il-Kunsill qabel unanimament li jiehu sehem f'din l-applikazzjoni.

**6.2** Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar l-iskema tal-PPP. Gie spjegat illi l-DLG accetta *illi l-Kunsill jidhol ghax-xogholijiet fuq bazi ta' sentejn peress li l-prezz* li nkiseb mal-kuntrattur huwa ferm orhos, skontat b'40% mill-prezz originali. Gie spjegat illi l-kuntrattur talab li jinghata hlas minn quddiem biex jaccetta li jahdem b'dan il-prezz skontat.

6.3 Il-Kunsill qabel unanimament li jmexxi b'dan l-arrangament mal-kuntrattur biex b'hekk ix-xogholijiet ikunu jistghu jinbdew.

6.4 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar ix-xogholijiet fil-gnien fi Triq Tumas Cassar liema xogholijiet jinsabu ghaddejjin. Il-Kunsill qabel illi meta jkun qed isir it-tarmak fi Triq Tumas Cassar ir-rampa u l-entratura tal-ground ghandhom jinghataw it-tarmak ukoll biex ikunu ta' kwalita' ahjar. Is-Sindku spjega illi id-Dipartiment tal-Agrikultura ser ikun qed jipprovdi pjanti biex jithawwlu fil-gnien.

6.5 Is-Sindku spjega li ghaddejjin ukoll diskussjonijiet mal-WSC sabiex kemm jista' jkun Pjazza Gerano tinghata wicc tal-konkrit sal-festa tal-lokalita'. Gie spjegat ukoll li hemm possibilita' li l-Ministeru ghal Ghawdex jaghmlu it-tieni kisja ta' Triq Sdieri minn hdejn it-tabella tal-lokalita' tal-Ghasri.

6.6 Saret diskussjoni dwar il-kanal tal-ilma fi Pjazza Gerano. Raymond Cassar ippropona li t-triq tkun taqleb u l-kanal isir fil-genb. Il-Kunsill qabel li din il-proposta ghandu tkun ikkunsidrata u jekk tkun fattibbli l-kanal ghandu jsir b'dan il-mod.

6.7 Is-Sindku spjega illi wara li saru l-4 grajjed matul Triq Frenc ta' l-Gharb qed ikun hemm xi ilmenti minghand in-nies dwar riha li qed titla minn dawn il-grajjed.

**7. Attivita' viva l-Ewropa, 13 ta' Gunju, 2011.**

7.1 Il-Kunsill iddiskuta u gew ikkonfermati l-ahhar dettalji dwar l-attivita' tat-trazmissjoni diretta tal-opra Tosca li se issir fit-13 ta' Gunju, 2011.

**8. Festa Gharb u Infiorata.**

8.1 Il-Kunsill iddiskuta il-korrispondenza mill-kumitat tal-festa dwar diversi punti relatati mal-festa 2011.

8.2 Il-Kunsill qabel li jiehu l-inkarigu li jdawwal Triq l-Isqof Molina b'mod temporanju permezz ta' floodlights.

8.3 Dwar il-proposta tal-pedestal ta' Triq il-Madonna tal-Virtut, il-Kunsill qabel li dan ghandu jintrama fl-istess post tas-soltu jew inkella jintrama fil-livell tat-triq peress li l-post issuggerit huwa ta' inkonvenjent u periklu.

8.4 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-Infiorata u t-talba tal-Kumitat tal-festa tas-somma ta' €800 sabiex jaghmlu l-Infiorata. Il-Kunsill qabel li joffri is-somma ta' €500 ghal dan is-servizz.

8.5 Il-Kunsill qabel ukoll illi jikkollabora fl-organizzazzjoni tal-attivita' socjo-kulturali li ser issir fil-25 ta' Gunju, 2011.

8.6 Il-Kunsill approva id-dizinn tal-Infiorata ta' din is-sena li ser ikun kompost mill-arma tal-Isqof Cauchi u tal-kunjom Sultana in rapprezentanza tal-arcipriet il-gdid, il-logo tal-EDEN award u s-sena ewropea tal-volontarjat.

8.7 Il-Kunsill qabel illi ghandha tintuza l-istess procedura bhal tas-sena precedenti ghall-oghti tal-permessi tal-festa.

**9. Skeda ta' pagamenti.**

9.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**10. Korrispondenza u materji ohra.**

10.1 Il-Kunsill tratta il-management report u l-ittra ta' direzzjoni ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru, 2011 li kopja taghha inghatat lill-membri kollha. Il-

Kunsill qabel li ghandha tigi ppreparata u tintbaghat ir-risposta ghall-ittra ta' direzzjoni.

10.2 Gew ipprezentati l-*audited financial statements* ghas-sena 2010 li kopja taghhom inghatat lill-membri kollha.

10.3 Il-Kunsill qabel illi l-handyman Emanuel Saliba ghandu jkun inkarigat isaqqi l-qsari tal-Kunsill peress li l-kuntratt tas-soft-areas ma Johnny Xuereb ghalaq u ma giex imgedded min naha tal-kuntrattur.

10.4 Il-Kunsill iddiskuta dwar ir-road humps fi Triq Birbuba fejn kien hemm qbil illi ghandhom jinhargu kwotazzjonijiet ghall-humps tal-plastika skond specifikazzjonijiet ta' Transport Malta.

Giet trattati il-korrispondenza segwenti:

10.5 Korrispondenza dwar l-istudju tat-traffiku imhejji minn Cilia & Associates li jinvolvi fih pjan tat-traffiku ghall-Gharb, San Lawrenz u Ghasri. Kopja tal-istudju ser tinghata lill-kunsillieri kollha u ser isir il-porzjon ta' hlas tal-Kunsill li jammonta ghal €137.67.

10.6 Korrispondenza mill-MRRA biex issir billboard mill-fondi tal-Kunsill li tirreklama il-progett. Peress li f'kull offerta hemm kundizzjoni li l-kuntrattur irid jaghmel billboard il-Kunsill hass li m'hemmx ghalfejn li ssir billboard ohra mill-fondi tieghu. Il-Kunsill qabel li jissuggerixxi lill-MRRA illi l-billboard issir mill-interessi tal-flus tal-progett li qed tehodhom lura l-MRRA.

10.7 Korrispondenza minghand EUCC dwar invit lill-Kunsill biex jidhol fil-Quality Coast Network bhala destinazzjoni turistika sostenibbli u kandidat ghall-Quality Coast Award.

10.8 Invit mill-Kunsill Lokali tal-Qala fejn il-Kunsill gie mistieden ghall-Inawgurazzjoni ta' Gnien il-Hajja.

10.9 Korrispondenza minghand il-MEPA: Applikazzjoni gdida ghal permess ta' zvilupp, numru PA301/11 u dokumenti tal-permess PA2401/09 – restawr tal-kappella ta' San Dimitri.

10.10 Korrispondenza minghand The BodyForge fir-rigward ta' inizjattivi ghas-sahha gewwa Ghawdex.

10.11 Korrispondenza mill-Fondazzjoni Oasi fir-rigward tal-Premju Zghazugh tas-Sena 2011.

**Pagna 6 Minuti tas-27 laqgha**

10.12 Korrispondenza minghand The Physically Handicapped Rehabilitation Fund fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jghin fil-gbir ta' fondi.

Il-laqgha spiccat hin 5.45pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv